



25.1.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni)
(COM(2022)0655 – C9-0163/2022 – 2022/0131(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Agnes Jongerius

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku għandha tinħataf bħala opportunità biex jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu, kwalunkwe relazzjoni ta' impjieg hija wkoll relazzjoni ta' poter. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li d-diviżjoni tal-poter bejn il-ħaddiema u l-impjegaturi mhijiex f'ekwilibriju. Il-ħaddiema jbatu mis-sitwazzjoni jekk, fil-prattika, ma jkollhomx id-dritt tal-organizzazzjoni, tan-negożjar kollettiv u tal-istrajtkjar. Hemm bżonn regolamentazzjoni biex din tiġi bbilanċjata.

F'dan is-sens, inħeġġeġ li ma nkunux inġenwi. Il-biċċa l-kbira tas-setturi tal-ekonomija fejn il-ħaddiema minn pajjiżi terzi huma attivi, bħat-trasport, l-ospitalità jew il-loġistika, huma magħrufa għall-pagi baxxi tagħhom u r-riskju għoli ta' ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema.

Dan huwa diġà sikwit il-każ għall-ħaddiema nazzjonali f'dawn is-setturi. Il-ħaddiema minn pajjiżi terzi huma saħansitra aktar vulnerabbli li jiġu abbużati u sfruttati, għax m'għandhomx post stabbli fis-soċjetà, għarfien dwar id-drittijiet tagħhom, u aċċess effettiv għal rimedju.

B'din ir-riformulazzjoni, jien nixtieq li ntejbu s-sitwazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu impjieg u li jkunu qed jaħdmu fl-UE. Għalhekk, hemm bżonn ta' aktar trattament ugwali. Dan għandu jiġi estiż għal dak li nqisu aċċettabbli għall-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tagħna wkoll: f'dak li għandu x'jaqsam mar-rimunerazzjoni, mal-liv, mal-ħin tax-xogħol, mal-akkomodazzjoni deċenti jew mal-ħlasijiet b'lura dovuti.

Barra minn hekk, l-aċċess reali għal mekkaniżmi ta' rimedju u għal appoġġ mir-rappreżentanti, b'mod partikolari mit-trade unions, huwa neċessità.

Jeħtieġ li tittieħed ħafna aktar azzjoni biex jitwaqqfu l-prattiki ta' preġudizzju abbużivi u ta' sfruttament ta' daww l-impjegaturi li jgħawġu jew jiksru r-regoli. Għalhekk, l-ewwel nett, hija meħtieġa dokumentazzjoni aħjar, kemm biex jiġi ċċarat liema drittijiet għandhom il-ħaddiema, kif ukoll biex l-ispettorati tax-xogħol ikunu jistgħu jinfurzawhom. L-ispettorati nfushom jeħtieġ li jissaħħu.

Din ir-riformulazzjoni teħtieġ ukoll li jiġi antiċipat kif jistgħu jinħolqu mudelli kummerċjali ġodda li jirriżultaw fl-isfruttament tal-ħaddiema ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jien qed nistinka biex nagħmel dak kollu possibbli biex dan ma jseħħx. Għal din ir-raġuni, l-inklużjoni espliċita ta' aġenziji temporanji jew kwalunkwe sottokuntrattur ieħor f'din id-Direttiva hija ta' importanza kbira.

Huwa l-obbligu tagħna li noħolqu kondizzjonijiet ekwi għal daww l-impjegaturi li jixtiequ jaderixxu mar-regoli, iżda li jsibu kompetituri qarrieqa għad-detriment taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, huwa l-obbligu tagħna li niproteġu lill-ħaddiema li jbatu l-konsegwenzi ta' trattament mhux ugwali, trattament negattiv jew saħansitra sfruttament. B'dan il-mod, inbiddu l-Ewropa f'post aħjar.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, iqis l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

**Proposta għal direttiva
Premessa 4**

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Għandha tiġi stabbilita ġabra ta' regoli li jirregolaw il-proċedura għall-eżami tal-applikazzjoni għal permess uniku. Dik il-proċedura għandha tkun effettiva u manegġgabbli, filwaqt li għandu jitqies il-piż normali tax-xogħol tal-amministrazzjonijiet tal-Istat Membru, kif ukoll trasparenti u **ġusti**, biex tiġi offruta ċertezza legali xierqa lil dawk ikkonċernati.

Emenda

(4) Għandha tiġi stabbilita ġabra ta' regoli li jirregolaw il-proċedura għall-eżami tal-applikazzjoni għal permess uniku. Dik il-proċedura għandha tkun effettiva u manegġgabbli, filwaqt li għandu jitqies il-piż normali tax-xogħol tal-amministrazzjonijiet tal-Istat Membru, kif ukoll trasparenti, **mhux diskriminatorja, ibbilanċjata bejn is-sessi, inklużiva u ġusta**, biex tiġi offruta ċertezza legali xierqa lil dawk ikkonċernati.

Emenda 2

**Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pilastru") pproklamat f'Gothenburg nhar is-17 ta' Novembru 2017, jistabbilixxi grupp ta' prinċipji li jservu bħala gwida biex jiżguraw opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u protezzjoni u inklużjoni soċjali, li għandu wkoll ikun ta' gwida għat-trattament tal-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Unjoni.

Emenda 3

**Proposta għal direttiva
Premessa 5**

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw l-ammissjoni, inklużi l-volumi ta' ammissjoni, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal fini ta' xogħol.

Emenda

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw l-ammissjoni, inklużi l-volumi ta' ammissjoni, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal fini ta' xogħol ***fis-swieq tax-xogħol tagħhom. Huwa neċessarju li jiġi stabbilit fejn ix-xogħol qed jitwettaq abitwalment sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jgawdu mill-kundizzjonijiet tax-xogħol u mid-drittijiet tas-sigurtà soċjali li huma intitolati għalihom. Dan għandu wkoll ikun il-każ meta x-xogħol jitwettaq f'aktar minn post wieħed, bħal fil-kostruzzjoni, jew meta x-xogħol ikun mobbli, bħal fit-trasport.***

Emenda 4

**Proposta għal direttiva
Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Din id-Direttiva għandha tkopri r-relazzjonijiet ta' impjeg bejn ħaddiema minn pajjiżi terzi u min iħaddem. Fejn il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' aġenziji ta' xogħol temporanju stabbiliti fit-territorju tiegħu u li għandhom relazzjoni ta' impjeg mal-ħaddiem, jenħtieġ li tali aġenziji ***ma jiġux esklużi mill-kamp*** ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda

(6) Din id-Direttiva għandha tkopri r-relazzjonijiet ***jew il-kuntratti*** ta' impjeg bejn ħaddiema minn pajjiżi terzi u min iħaddem. Fejn il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tippermetti l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' aġenziji ta' xogħol temporanju stabbiliti fit-territorju tiegħu u li għandhom relazzjoni ***jew kuntratt*** ta' impjeg mal-ħaddiem, jenħtieġ li tali aġenziji ***jiġu wkoll inklużi fil-kamp*** ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 5

**Proposta għal direttiva
Premessa 7**

(7) Ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati soġġetti **għad-Direttiva** 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ ma għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva. Dan m'għandux jimpedixxi li-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jirrisjedu u jaħdmu legalment fi Stat Membru u li jiġu stazzjonati fi Stat Membru ieħor milli jibqgħu jgawdu minn trattament ugwali bħal taċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-orijini matul il-perijodu li fih ikunu stazzjonati, fir-rigward tat-termini u **l-kondizzjonijiet** ta' impjieg li mhumiex affettwati mill-applikazzjoni **tad-Direttiva** 96/71/KE .

³⁹ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

(7) Ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati **b'mod ġenwin** soġġetti **għad-Direttivi** 96/71/KE³⁹, **2014/67/UE**,^{39a}, **2018/957/UE**^{39b} u **2020/1057/UE**^{39c} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ma għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva. Dan m'għandux jimpedixxi li-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jirrisjedu u jaħdmu legalment fi Stat Membru u li jiġu stazzjonati fi Stat Membru ieħor milli jibqgħu jgawdu minn trattament ugwali bħal taċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-orijini matul il-perijodu li fih ikunu stazzjonati, fir-rigward tat-termini u **l-kundizzjonijiet** ta' impjieg li mhumiex affettwati mill-applikazzjoni **tad-Direttivi** 96/71/KE, **2014/67/UE**, **2018/957/UE** u **2020/1057/UE**. **Sabiex jipprevjenu arranġamenti transfruntiera, l-Istati Membri għandhom jipprovdu miżuri adegwati biex jiproteġu ħaddiema ta' pajjiżi terzi mill-abbuż ta' stazzjonament frawdolenti ġewwa Stati Membri oħra. Fil-proċedura ta' applikazzjoni unika u fil-monitoraġġ tal-impjegaturi, għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Ruma I")^{39d}sabiex jiġi vverifikat li l-Istat Membru kkonċernat huwa fil-fatt il-post tax-xoġhol abitwali.**

³⁹ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

^{39a} **Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta'**

Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).

^{39b} Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

^{39c} Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49).

^{39d} Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) *Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ddaħħlu fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu fuq bażi staġjonali u applikaw għal ammissjoni jew ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru skont id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ m'għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva minħabba li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/36/UE, li tistabbilixxi reġim speċifiku .*

imħassar

⁴¹ *Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament*

*Ewropew u tal-Kunsill tas-
26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet
għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta'
pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala
ħaddiema staġonali (ĠU L 94, 28.3.2014,
p. 375).*

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-proċedura ta' applikazzjoni unika u dwar il-permess uniku ma jikkonċernawx viżi uniformi jew għall-perijodu twil , bl-eċċezzjoni tal-obbligu għall-Istati Membri li joħorġu l-viża meħtieġa fi żmien l-iskadenza ta' **erba' xhur** stabbilita biex tiġi adottata deċiżjoni dwar il-Permess Uniku .

Emenda

(12) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-proċedura ta' applikazzjoni unika u dwar il-permess uniku ma jikkonċernawx viżi uniformi jew għall-perijodu twil , bl-eċċezzjoni tal-obbligu għall-Istati Membri li joħorġu l-viża meħtieġa fi żmien l-iskadenza ta' **disgħin jum** stabbilita biex tiġi adottata deċiżjoni dwar il-Permess Uniku .

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għandha tinkludi kemm il-ħin meħtieġ għall-ħruġ ta' viża fejn meħtieġ, kif ukoll iż-żmien meħtieġ għall-konformità mal-kontrolli **tas-sitwazzjonijiet** tas-suq tax-xogħol.

Emenda

(13) L-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għandha tinkludi kemm il-ħin meħtieġ għall-ħruġ ta' viża fejn meħtieġ, kif ukoll iż-żmien meħtieġ għall-konformità mal-kontrolli **tal-kriterji u tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permess kif meħtieġ mil-liġi nazzjonali, inklużi kontrolli tas-sitwazzjoni** tas-suq tax-xogħol **fejn jeżistu**.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) In-nomina ***tal-awtorità*** kompetenti skont din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-rwol u ***r-responsabilitajiet*** ta' awtoritajiet oħra u, fejn applikabbli, l-imsieħba soċjali, fir-rigward tal-eżami tal-applikazzjoni u ***d-deċiżjoni*** dwarha.

Emenda

(15) In-nomina ***tal-awtoritajiet*** kompetenti skont din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-rwol u ***għar-responsabilitajiet*** ta' awtoritajiet oħra u, fejn applikabbli, l-imsieħba soċjali, fir-rigward tal-eżami tal-applikazzjoni u ***tad-deċiżjoni*** dwarha, ***kif ukoll tal-monitoraġġ, tal-implimentazzjoni u tal-infurzar tal-istandards tax-xogħol u tar-regolamenti tas-sigurtà soċjali, tal-iffaċilitar tal-ilmenti u tar-rimedju legali. Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti, bħall-ispettorati tax-xogħol, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jew l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, sabiex jiġu garantiti b'mod effettiv id-drittijiet tal-ħaddiema ta' pajjiżi terzi.***

Emenda 10

**Proposta għal direttiva
Premessa 16**

Test propost mill-Kummissjoni

(16) L-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni madanakollu m'għandhiex tinkludi ż-żmien meħtieġ għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali . Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali dwar ir-rikonoxximent ta' diplomi.

Emenda

(16) L-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni madanakollu m'għandhiex tinkludi ż-żmien meħtieġ għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ***u okkupazzjonali***. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali dwar ir-rikonoxximent ta' diplomi.

Emenda 11

**Proposta għal direttiva
Premessa 17**

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-permess uniku għandu jkun imfassal skont ir-Regolament tal-Kunsill

Emenda

(17) Il-permess uniku għandu jkun imfassal skont ir-Regolament tal-Kunsill

(KE) Nru 1030/2002⁴², biex dan jippermetti l-Istati Membri jdaħħlu aktar informazzjoni, partikolarment jekk il-persuna jkollhiex il-permess li taħdem. Stat Membru għandu jindika, inter alia għall-fini ta' kontroll aħjar tal-migrazzjoni, mhux biss fuq il-permess uniku iżda wkoll fuq kull permessi ta' residenza maħruġa, l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol, irrispettivament mit-tip tal-permess jew permess ta' residenza li, fuq il-bażi tagħhom, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun għe ammess fit-territorju u jkun ingħata aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru.

⁴² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1).

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) *Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-permess uniku u dwar il-permess ta' residenza maħruġ għal finijiet oħra apparti xogħol m'għandhomx jipprevjenu lill-Istati Membri milli joħorġu dokument tal-karta addizzjonali biex tkun tista' tingħata informazzjoni aktar preċiża dwar ir-relazzjoni ta' impjieg li ma jkunx hemm spazju biżżejjed għaliha fil-format tal-permess ta' residenza. Tali dokument jistgħu jservu bħala prevenzjoni għall-isfruttament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u biex jaħdmu kontra l-impjegi illegali iżda għandhom ikunu fakultattivi għall-Istati Membri u m'għandhomx*

PE736.589v02-00

(KE) Nru 1030/2002⁴², biex dan jippermetti l-Istati Membri jdaħħlu aktar informazzjoni, partikolarment jekk il-persuna jkollhiex il-permess li taħdem. Stat Membru għandu jindika, inter alia għall-fini ta' kontroll aħjar tal-migrazzjoni, mhux biss fuq il-permess uniku iżda wkoll fuq kull permessi ta' residenza maħruġa, l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol, irrispettivament mit-tip tal-permess jew permess ta' residenza li, fuq il-bażi tagħhom, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun għe ammess fit-territorju u jkun ingħata aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru. ***L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess għal tali informazzjoni, inkluż kwalunkwe tibdil fiha, li-ċittadin ta' pajjiż terz.***

⁴² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1).

Emenda

(19) ***L-Istati Membri għandhom, flimkien mal-permess uniku u mal-permess ta' residenza maħruġ għal finijiet oħra apparti xogħol, joħorġu dokument li jagħti informazzjoni aktar preċiża dwar il-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg li ma jkunx hemm spazju biżżejjed għaliha fil-format tal-permess ta' residenza. Tali dokument għandu jservi bħala prevenzjoni għall-isfruttament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi dimensjonijiet ta' sfruttament relatati mal-ġeneru, u biex jaħdmu kontra l-impjegi illegali, iżda m'għandhomx iservu ta' sostitut għal permess ta' xogħol u b'hekk***

10/45

AD\1270882MT.docx

iservu ta' sostitut għal permess ta' xogħol u b'hekk jikkompromettu l-kunċett ta' permess uniku. Il-possibilitajiet tekniċi offruti mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u l-punt (a) 2016 tal-Anness għalih jistgħu jintużaw ukoll għall-ħżin ta' tali informazzjoni f'format elettroniku.

jikkompromettu l-kunċett ta' permess uniku. ***Tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol li jinsabu f'dak id-dokument m'għandhomx neċessarjament jikkostitwixxu bidla tal-impjegatur għall-iskopijiet tal-permess uniku. Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti, bħall-ispettorati tax-xogħol, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jew l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, sabiex jiġu garantiti b'mod effettiv id-drittijiet tal-ħaddiema ta' pajjiżi terzi.*** Il-possibilitajiet tekniċi offruti mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u l-punt (a) 2016 tal-Anness għalih jistgħu jintużaw ukoll għall-ħżin ta' tali informazzjoni f'format elettroniku.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Fin-nuqqas ta' ***leġislazzjoni*** orizzontali tal-Unjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jvarjaw, skont l-Istat Membru li jaħdmu fih u skont in-nazzjonalità tagħhom. Bil-għan li tiġi żviluppata aktar politika tal-immigrazzjoni koerenti u titnaqqas ***id-differenzi fid-dritt*** bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu legalment fi Stat Membru u biex jiġi kkumplementat l-acquis eżistenti dwar l-immigrazzjoni, għandha tiġi stabbilita ġabra ta' drittijiet sabiex, b'mod partikolari, jiġi speċifikat ***f'liema*** oqsma jingħata trattament ugwali bejn iċ-ċittadini propji ta' Stat Membru u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għadhom mhumieħ residenti għat-tul. Tali dispożizzjonijiet huma maħsubin biex jistabbilixxu kondizzjonijiet ugwali minimi fl-Unjoni, biex jiġi rikonoxxut li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkontribwixxu

Emenda

(22) Fin-nuqqas ta' ***leġiżlazzjoni*** orizzontali tal-Unjoni, id-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jvarjaw, skont l-Istat Membru li jaħdmu fih u skont in-nazzjonalità tagħhom. Bil-għan li tiġi żviluppata aktar politika tal-immigrazzjoni koerenti u titnaqqas ***id-differenzi fid-dritt*** bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu legalment fi Stat Membru u biex jiġi kkumplementat l-acquis eżistenti dwar l-immigrazzjoni, għandha tiġi stabbilita ġabra ta' drittijiet sabiex, b'mod partikolari, jiġi speċifikat ***f'liema*** oqsma jingħata trattament ugwali bejn iċ-ċittadini propji ta' Stat Membru u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għadhom mhumieħ residenti għat-tul. Tali dispożizzjonijiet huma maħsubin biex jistabbilixxu kondizzjonijiet ugwali minimi fl-Unjoni, biex jiġi rikonoxxut li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkontribwixxu

għall-ekonomija tal-Unjoni permezz tax-xogħol tagħhom u l-ħlasijiet tat-taxxa u biex iservu bħala salvagwardja biex titnaqqas il-kompetizzjoni inġusta bejn iċ-ċittadini propji ta' Stati Membri u iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li tirriżulta mill-isfruttar possibbli ta' dawn tal-aħħar. "Ħaddiem ta' pajjiżi terzi" għandu jkun definit f'din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-kunċett tar-relazzjoni ta' impjieg f'dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni, bħala ċittadin ta' pajjiżi terzi li jkun għe ammess fit-territorju ta' Stat Membru, li jkun legalment jirrisjedi u li jkollu permess, fil-kuntest ta' relazzjoni **bi ħlas**. li jaħdem hemmhekk skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.

għall-ekonomija tal-Unjoni permezz tax-xogħol tagħhom u l-ħlasijiet tat-taxxa u biex iservu bħala salvagwardja biex titnaqqas il-kompetizzjoni inġusta bejn iċ-ċittadini propji ta' Stati Membri u iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li tirriżulta mill-isfruttar possibbli ta' dawn tal-aħħar. **F'dan ir-rigward, jenħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lid-dimensjonijiet relatati mal-ġeneru u mal-femminizzazzjoni tal-migrazzjoni tal-ħaddiema.** "Ħaddiem ta' pajjiżi terzi" għandu jkun definit f'din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-kunċett tar-relazzjoni ta' impjieg f'dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni, bħala ċittadin ta' pajjiżi terzi li jkun għe ammess fit-territorju ta' Stat Membru, li jkun legalment jirrisjedi u li jkollu permess, fil-kuntest **ta' kuntratt ta' impjieg jew ta' relazzjoni ta' impjieg**, li jaħdem hemmhekk skont il-liġi, **il-ftehimiet kollettivi** jew il-prattika nazzjonali, **b'konsiderazzjoni għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.**

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) **Il-kondizzjonijiet** tax-xogħol kif imsemmija f'din id-Direttiva għandhom ikopru mill-inqas **il-ħlas** u t-tkeċċija, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u l-liv, filwaqt li jitqies kwalunkwe ftehim kollettiv fis-seħħ.

Emenda

(25) **Il-kundizzjonijiet** tax-xogħol **diċenti** kif imsemmija f'din id-Direttiva għandhom ikopru mill-inqas **it-termini tal-impjieg, ir-rimunerazzjoni, inklużi l-pagi minimi**, u t-tkeċċija, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u l-liv, filwaqt li jitqies kwalunkwe ftehim kollettiv fis-seħħ, **kif ukoll id-dritt tal-organizzazzjoni u d-dritt tal-istrajk.**

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 26

(26) Stat Membru għandu jagħraf il-kwalifiki professjonali akkwistati minn ċittadini ta' pajjiżi terz fi Stat Membru ieħor bl-istess mod bħal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni u għandhom iqisu l-kwalifiki akkwistati f'pajjiż terz skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷. Id-dritt għal trattament ugwali mogħti lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifikazzjonijiet professjonali oħra skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex idaħħlu dawn il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol tagħhom.

⁴⁷ Id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 27

(27) Ħaddiema ta' pajjiżi terzi għandhom igawdu trattament ugwali f'dak li jirrigwarda s-sigurtà soċjali. Il-fergħat tas-sigurtà soċjali huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸. Id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali rigward is-sigurtà soċjali f'din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għall-ħaddiema li jiġu ammessi fi Stat Membru direttament minn pajjiż terz. ***Madankollu, din id-Direttiva m'għandhiex tagħti lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi aktar drittijiet minn dawk diġà pprovduti fil-liġi eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini***

(26) Stat Membru għandu jagħraf il-kwalifiki professjonali ***u okkupazzjonali*** akkwistati minn ċittadini ta' pajjiżi terz fi Stat Membru ieħor bl-istess mod bħal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni u għandhom iqisu l-kwalifiki akkwistati f'pajjiż terz skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷. Id-dritt għal trattament ugwali mogħti lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifikazzjonijiet professjonali oħra skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex idaħħlu dawn il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi fis-suq tax-xogħol tagħhom.

⁴⁷ Id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

(27) Ħaddiema ta' pajjiżi terzi għandhom igawdu trattament ugwali f'dak li jirrigwarda s-sigurtà soċjali, ***inkluża l-portabilità tad-drittijiet***. Il-fergħat tas-sigurtà soċjali huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸. Id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali rigward is-sigurtà soċjali f'din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għall-ħaddiema li jiġu ammessi fi Stat Membru direttament minn pajjiż terz. ***Ċittadini*** ta' pajjiżi terzi li jkunu f'sitwazzjonijiet ***transfruntieragħandhom igawdu wkoll minn trattament ugwali fir-rigward tad-***

ta' pajjiżi terzi li jkunu f'sitwazzjonijiet *transkonfinali*.

drittijiet previsti fil-liġi tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

⁴⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

⁴⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Il-liġi tal-Unjoni ma *tillimitax is-setgħa* tal-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. L-istabbiliment *tal-kondizzjonijiet* li f'konformità magħhom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-ammont ta' tali benefiċċji u l-perijodu li jingħataw għalih, għandu jiddependi minn kull Stat Membru. Madankollu, meta jkunu qed jeżerċitaw dik is-setgħa, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.

Emenda

(29) Il-liġi tal-Unjoni ma, *u m'għandhiex, tillimita s-setgħa* tal-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. L-istabbiliment *tal-kundizzjonijiet* li f'konformità magħhom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-ammont ta' tali benefiċċji u l-perijodu li jingħataw għalih, għandu jiddependi minn kull Stat Membru. Madankollu, meta jkunu qed jeżerċitaw dik is-setgħa, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Sabiex jissaħħaħ it-trattament ugwali ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi kontra min iħaddem fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, *il-libertà* ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni *u l-*

Emenda

(31) Sabiex jissaħħaħ it-trattament ugwali ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi kontra min iħaddem fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, *tal-aċċess għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali,*

aċċess għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali.

tad-drittijiet tal-ħaddiema, inkluża l-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni, id-dritt li wieħed jinneozja u jikkonkludi ftehimiet kollettivi, id-dritt li jittieħdu azzjonijiet industrijali u d-dritt tal-istralk, il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, il-protezzjoni kontra x-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal, u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti mekkaniżmi adatti għall-monitoraġġ ta' min iħaddem u, *fejn xieraq*, li jsiru spezzjonijiet effettivi u adegwati fit-territorji rispettivi tagħhom. L-għażla ta' min iħaddem li jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata primarjament fuq valutazzjoni tar-riskju li għandha ssir mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri b'kont meħud ta' fatturi bħas-settur li fih *kumpanija* topera u kwalunkwe ksur irregiſtrat fil-passat.

Emenda

(32) Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, *f'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali, b'mod partikolari mat-trade unions, u f'konformità mal-Konvenzjoni Nru 81 dwar l-Ispezzjoni tax-Xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)*, li jkunu stabbiliti mekkaniżmi adatti għall-monitoraġġ ta' min iħaddem u li jsiru spezzjonijiet effettivi, *ta' rutina u mhux imħabbra*, u adegwati fit-territorji rispettivi tagħhom, *biex jidentifikaw ksur fil-liġi tax-xogħol u soċjali, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. Ħaddiema ta' pajjiżi terzi għad għandhom probabbiltà akbar li jesperjenzaw ksur tad-drittijiet tagħhom u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol minn gruppi ta' ħaddiema oħra. Għalhekk*, l-għażla ta' min iħaddem li jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata primarjament fuq valutazzjoni tar-riskju li għandha ssir mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri b'kont meħud ta' fatturi bħas-settur li fih *kumpanija* topera u kwalunkwe ksur irregiſtrat fil-passat. *Hemm probabbiltà akbar li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħdmu f'setturi li huma magħrufa għal riskju akbar ta' ksur tal-istandard tax-xogħol. Sabiex ikun jista' jittejjeb l-infurzar xieraq ta' din id-*

Direttiva u jiġu skambjati l-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri, huwa kruċjali li jiġu mmonitorjati x-xejriet tal-applikazzjoni, it-tiġdid u l-irtirar ta' permessi uniċi.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu wkoll mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom ħaddiema minn pajjiżi terzi jistgħu jfittxu rimedju legali u jressqu lmenti direttament jew permezz ta' partijiet terzi li jkollhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali, interess leġittimu fl-iżgurar tal-konformità ma' din id-Direttiva, bħat-trade unions jew assoċjazzjonijiet oħra, jew awtoritajiet kompetenti. Dan jitqies neċessarju biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ħaddiema ta' pajjiżi terzi ma jkunux konxji mill-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' infurzar jew joqogħdu lura milli jużawhom f'isimhom stess, pereżempju minħabba biża' ta' konsegwenzi possibbli.

Emenda

(33) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu wkoll mekkaniżmi ***f'waqthom, trasparenti, sensittivi għall-ġeneru u*** effettivi li permezz tagħhom ħaddiema minn pajjiżi terzi jistgħu jfittxu rimedju legali u jressqu lmenti direttament jew permezz ta' partijiet terzi li jkollhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali, interess leġittimu fl-iżgurar tal-konformità ma' din id-Direttiva, bħat-trade unions jew assoċjazzjonijiet oħra, ***l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol*** jew awtoritajiet kompetenti. ***Meta jinġhata l-permess uniku, il-mekkaniżmi ta' aċċess għas-soluzzjoni ta' tilwim u għar-rimedju legali u għat-tressiq ta' lmenti għandhom jiġu kkomunikati liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod aċċessibbli, inkluż billi dik l-informazzjoni tiġi pprovduta f'lingwi rilevanti li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jifhem.*** Dan jitqies neċessarju biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ħaddiema ta' pajjiżi terzi ma jkunux konxji mill-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' infurzar jew joqogħdu lura milli jużawhom f'isimhom stess, pereżempju minħabba biża' ta' konsegwenzi possibbli.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 33 a (ġdida)

(33a) Huma u jimplimentaw din id-Direttiva, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-rwol tal-aġenziji ta' reklutaġġ. Filwaqt li l-aġenziji ta' reklutaġġ jistgħu jiffaċilitaw il-proċeduri għall-applikanti, ir-riskji assoċjati mal-intermedjazzjoni ta' partijiet terzi bħas-sostituzzjoni tal-kuntratt, it-tariffi sproporzjonati u eċċessivi, il-jasar tad-dejn u Prattiki ta' sfruttament oħra għandhom jiġu indirizzati, f'kooperazzjoni mat-trade unions u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, permezz tal-provvista ta' informazzjoni lill-applikanti u lid-detenturi tal-permess potenzjali, tal-monitoraġġ, tal-penali u tal-iffaċilitar tal-ilmenti u tar-rimedju legali. F'konformità mal-prinċipji tal-ILO, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jbatux l-ispejjeż tat-tariffi ta' reklutaġġ u spejjeż relatati.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 34

(34) Il-permess uniku għandu jawtorizza liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex **ibiddel l-impjegatur** matul il-perjodu tal-validità tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri **jkunu jistgħu** jirrikjedu notifika tal-bidla **u** jivverifikaw **is-sitwazzjoni** tas-suq tax-xogħol fejn isseħħ bidla tal-impjegatur. Il-permess uniku ma għandux jiġi rtirat matul perjodu ta' mill-inqas **tliet** xhur fil-każ tal-qgħad tad-detentur tiegħu.

(34) Il-permess uniku għandu jawtorizza liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex **ifittex impjieg u jikkonkludi kuntratt ta' impjieg ma' impjegatur differenti** matul il-perjodu tal-validità tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu notifika tal-bidla **tal-impjegatur u ta' kwalunkwe informazzjoni relatata mal-kuntratt jew mar-relazzjoni ta' impjieg, qabel l-ewwel ġurnata tax-xogħol, u jenħtieġ li jkunu jistgħu** jivverifikaw **l-istandards tax-xogħol, inkluża verifika tas-sitwazzjoni** tas-suq tax-xogħol, **fejn teżisti, biss** fejn isseħħ bidla tal-impjegatur għal settur **ta' impjieg ieħor. L-Istati Membri għandhom**

*jiżguraw li d-detentur tal-permess uniku jista' jkompli l-kuntratt jew ir-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mal-impjegatur attwali meta jkun qed ifittex bidla tal-impjegatur. L-għan tal-proċedura ta' komunikazzjoni hu li ssegwi u tinfurza l-istandards tax-xogħol u d-drittijiet tas-sigurtà soċjali. Il-permess uniku ma għandux jiġi rtirat matul perjodu ta' mill-inqas **disa'** xhur fil-każ tal-qgħad tad-detentur tiegħu. **Fil-każ li** *ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx jista' jaħdem minħabba tqala, diżabilità, korriment, inċident jew mard, b'mod partikolari fejn id-diżabilità, il-korriment, l-inċident jew il-marda jkunu relatati max-xogħol, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw iċ-ċirkostanzi individwali u għandhom ikunu jistgħu jtawlu l-perjodu ta' disa' xhur.**

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi:

Emenda

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi, ***f'konformità mad-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inklużi mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem:***

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa s-setgħat tal-Istati Membri rigward il-volum tal-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li ġejjin minn pajjiżi terzi jfittxu impjieg .

Emenda

2. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa s-setgħat tal-Istati Membri rigward il-volum tal-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li ġejjin minn pajjiżi terzi jfittxu impjieg ***fis-swieq tax-xogħol tagħhom.***

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser ċittadin minn pajjiż terz **li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru, u** li jkun jirrisjedi legalment u jkun jista' jaħdem fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg, **f'dak l-istat** Membru skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali;

Emenda

(b) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser ċittadin minn pajjiż terz li jkun jirrisjedi legalment u jkun jista' jaħdem fil-kuntest ta' **kuntratt ta' impjieg jew** relazzjoni ta' impjieg **fit-territorju ta' Stat Membru,** skont il-liġi, **il-ftehimiet kollettivi,** jew il-prattika nazzjonali, **b'konsiderazzjoni għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja;**

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jirrisjedu fi Stat Membru għall-fini ta' xogħol,

Emenda

(a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jirrisjedu fi Stat Membru għall-fini ta' xogħol **fis-suq tax-xogħol tiegħu;**

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi fi Stat Membru għal finijiet oħra appartati xogħol skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, li jkunu jistgħu jaħdmu u li jħaddnu permess ta' residenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002; **u**

Emenda

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi fi Stat Membru għal finijiet oħra appartati xogħol skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, li jkunu jistgħu jaħdmu u li jħaddnu permess ta' residenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002;

Emenda 28

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) li huma koperti **mid-Direttiva** 96/71/KE sakemm jibqgħu **ssekondati** fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat;

Emenda

(c) li huma koperti **mid-Direttivi** 96/71/KE, **2014/67/UE, 2018/957/UE u 2020/1057/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, sakemm jibqgħu **ġenwinament issekondati** fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat;

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) **li applikaw għal ammissjoni jew ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru bħala ħaddiema staġonali skont id-Direttiva 2014/36/UE jew au pairs skont id-Direttiva (UE) 2016/801 ;**

Emenda

imħassar

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) **li jkunu awtorizzati jirrisjedu fi Stat Membru abbażi ta' protezzjoni temporanja, jew li jkunu applikaw għall-awtorizzazzjoni biex jirrisjedu hemm fuq dik il-bażi u li jkunu qed jistennew deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom;**

Emenda

imħassar

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt k

(k) li jkunu applikaw għal ammissjoni jew ġew ammessi bħala baħħara biex jiġu impjegati jew jaħdmu fi kwalunkwe kapaċità fuq bastiment reġistrat fi Stat Membru jew li jbaħħar taħt il-bandiera ta' Stat Membru.

imħassar

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-Kapitolu II ma japplikax għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li **jew ikunu ġew awtorizzati jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru għal perijodu li ma jeċċedix is-sitt xhur jew li jkunu ġew ammessi fi Stat Membru għall-fini ta' studju.**

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-Kapitolu II ma japplikax għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fi Stat Membri għall-fini ta' studju **f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/801.**

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Applikazzjoni biex jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded permess uniku għandha tiġi ppreżentata permezz ta' proċedura ta' applikazzjoni unika. L-Istati Membri għandhom **jiddeterminaw jekk l-applikazzjonijiet għal permess uniku għandhomx** jiġu sottomessi miċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew minn min iħaddem iċ-ċittadin **ta'pajjiż** terz. **L-Istati Membri jistgħu wkoll jiddeċiedu li jippermettu l-applikazzjoni minn kwalunkwe minn dawn it-tnejn. Jekk l-applikazzjoni jkollha tiġi ppreżentata miċ-ċittadin** tal-pajjiż terz, l-Istati Membri għandhom jippermettu li l-

1. Applikazzjoni biex jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded permess uniku għandha tiġi ppreżentata permezz ta' proċedura ta' applikazzjoni unika. L-Istati Membri għandhom **jippermettu l-applikazzjonijiet għal permess uniku jiġu sottomessi jew** miċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew minn min iħaddem iċ-ċittadin **ta' pajjiż** terz. **Fejn iċ-ċittadin** tal-pajjiż terz **jippreżenta l-applikazzjoni**, l-Istati Membri għandhom jippermettu li l-applikazzjoni tiġi introdotta kemm minn pajjiż terz kif ukoll fit-territorju tal-Istat Membru li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun legalment

applikazzjoni tiġi introdotta kemm minn pajjiż terz kif ukoll fit-territorju tal-Istat Membru li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun legalment preżenti.

preżenti. *Fejn l-impjegatur jippreżenta l-applikazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li f'ismu ġiet ippreżentata l-applikazzjoni jinżamm regolarment informat dwar l-istatus tal-applikazzjoni matul il-proċess, u dwar l-eżitu tal-applikazzjoni.*

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-applikanti għandhom jingħataw l-għażla bejn provvista mill-bogħod u wiċċ imb wiċċ, u jkollhom l-opportunità jippreżentaw id-dokumenti rilevanti għall-proċedura b'mod elettroniku jew f'format ta' karta.

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa mill-aktar fis u fi kwalunkwe każ fi żmien *erba' xhur* mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni.

L-awtorità kompetenti għandha tadotta *u tinnotifika* deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa *lill-applikant* mill-aktar fis u fi kwalunkwe każ fi żmien *90 ġurnata* mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkopri l-verifika *tas-*

Il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkopri l-verifika *tal-*

sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-ħruġ tal-viża meħtieġa msemmija fl-Artikolu 4(3). Il-limitu taż-żmien jista' jiġi estiż f'ċirkostanzi eċċezzjonali, marbuta mal-komplessità tal-eżami tal-applikazzjoni.

kriterji u tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-permess kif meħtieġ mil-liġi nazzjonali u l-ħruġ tal-viża meħtieġa msemmija fl-Artikolu 4(3). Il-limitu taż-żmien jista' jiġi estiż f'ċirkostanzi eċċezzjonali, marbuta mal-komplessità tal-eżami tal-applikazzjoni. *Fil-każ ta' estensjoni tal-limitu ta' żmien, l-Istat Membru għandhom jinnotifika lill-applikant qabel l-iskadenza u jipprova raġunijiet bil-miktub taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li wasslu għall-estensjoni kif ukoll stima taż-żmien li fih applikant jista' jistenna risposta finali.*

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn ma tkun ittieħdet l-ebda deċiżjoni fil-limitu ta' żmien previst f'dan il-paragrafu, kwalunkwe *konsegwenza* legali *għandha tiġi determinata* mil-liġi nazzjonali.

Emenda

Fejn ma tkun ittieħdet l-ebda deċiżjoni fil-limitu ta' żmien previst f'dan il-paragrafu, kwalunkwe *tariffa meħtieġa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10 għandha tiġi rrimborżata lill-applikant. Aktar konsegwenzi* legali *għandhom jiġu determinati* mil-liġi nazzjonali *u għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tal-limiti ta' żmien. L-Istati Membri għandhom jiżguraw biżżejjed riżorsi umani, materjali u tal-IT biex jilhqqu dawn il-limiti ta' żmien.*

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri *jistgħu* jindikaw l-informazzjoni *addizzjonali* relatata *mar-relazzjoni* ta' impjeg taċ-ċittadin ta' pajjiż

Emenda

L-Istati Membri *għandhom* jindikaw l-informazzjoni relatata *mal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-kuntratt jew fir-relazzjoni*

terz (***bħall-isem*** u l-indirizz ta' min iħaddem, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-siġhat ta' xogħol, ir-rimunerazzjoni) f'format ta' karta, jew jaħżnu tali data f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u l-punt **(a)2016** tal-Anness I għalih.

ta' impjeg taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ***qabel l-ewwel ġurnata tax-xogħol, mill-inqas l-isem*** u l-indirizz ta' min iħaddem, il-post tax-xogħol ***abitwali***, it-tip ta' xogħol, is-siġhat ta' xogħol, ir-rimunerazzjoni, f'format ta' karta, jew jaħżnu tali data f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u l-punt **(a)20** tal-Anness I għalih. ***L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz għal din l-informazzjoni u għal kwalunkwe tibdil fiha.***

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri ***jistgħu*** jindikaw l-informazzjoni ***addizzjonali*** relatata mar-relazzjoni ta' impjeg taċ-ċittadin ta' pajjiż terz (***bħall-isem*** u l-indirizz ta' min iħaddem, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-siġhat ta' xogħol, ir-rimunerazzjoni) f'format ta' karta, jew jaħżnu tali data f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u l-punt **(a)2016** tal-Anness I għalih.

Emenda

L-Istati Membri ***għandhom*** jindikaw l-informazzjoni relatata ***mal-kuntratt jew*** mar-relazzjoni ta' impjeg taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ***mill-inqas l-isem*** u l-indirizz ta' min iħaddem, il-post tax-xogħol ***abitwali***, it-tip ta' xogħol, is-siġhat ta' xogħol, ir-rimunerazzjoni, f'format ta' karta jew jaħżnu tali data f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u l-punt **(a)20** tal-Anness I għalih. ***L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz għal din l-informazzjoni u għal kwalunkwe tibdil fiha.***

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jagħmlu faċilment ***aċċessibli***, u jipprovdu, fuq talba:

Emenda

L-Istati Membri għandhom jagħmlu faċilment ***aċċessibli***, u jipprovdu ***bla ħlas, b'lingwa rilevanti li ċ-ċittadin ta' pajjiż***

terz jista' jifhem, fuq talba:

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, inklużi d-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-membri tal-familja tagħhom.

Emenda

(b) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, inklużi d-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-membri tal-familja tagħhom, ***kif ukoll dwar it-tariffi applikabbli skont l-Artikolu 10.***

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollhom aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b), l-Istati Membri għandhom jipprovdu tali informazzjoni wkoll fuq talba lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Tariffi

Tariffi ***u spejjeż***

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti biex iħallsu tariffi, fejn xieraq, għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-livell ta' tali tariffi għandu jkun proporzjonat u għandu jkun ibbażat fuq is-servizzi li tabilħaqq għew ipprovduti għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet **u l-ħruġ tal-permessi**.

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti biex iħallsu tariffi, fejn xieraq, għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet **biex jinħareġ, jiġi emendat jew jiġġedded permess uniku** f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-livell ta' tali tariffi għandu jkun proporzjonat, **affordabbli** u għandu jkun ibbażat fuq is-servizzi li tabilħaqq għew ipprovduti għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet. **Fejn tali tariffi jitħallsu miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li hu jkun intitolat għal rimborż mill-impjegatur. Fejn l-ispejjeż relatati mal-proċedura ta' applikazzjoni, bħall-ispejjeż tar-reklutaġġ, tal-ivvjaġġar jew tat-traduzzjoni, jitħallsu miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li hu jkun intitolat għal rimborż mill-impjegatur. Fejn tali tariffi jew spejjeż jitħallsu mill-impjegaturi, huma m'għandhomx ikunu rekuperabbli miċ-ċittadin ta' pajjiż terz.**

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. F'każ li permess uniku jkun inħareġ, dan għandu jawtorizza, matul il-perijodu ta' validità tiegħu, lid-detentur tiegħu bħala minimu li:

Emenda

1. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li**, f'każ li permess uniku jkun inħareġ, dan għandu jawtorizza, matul il-perijodu ta' validità tiegħu **u, f'każijiet fejn applikazzjoni biex il-permess uniku jiġi emendat jew imġedded tiġi ppreżentata, sat-tlestija ta' tali proċedura**, lid-detentur tiegħu bħala minimu li:

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ikun **infurmat** dwar id-drittijiet tad-detentur marbuta mal-permess, konferiti b'din id-Direttiva **u/jew** bil-liġi nazzjonali.

Emenda

(d) ikun **informat** dwar id-drittijiet tad-detentur marbuta mal-permess, konferiti b'din id-Direttiva, **bil-liġi tal-Unjoni**, bil-liġi **u bil-prattika** nazzjonali, **b'mod partikolari bid-drittijiet soċjali u tal-ħaddiema u bil-ftehimiet kollettivi, dwar il-proċeduri għat-tressiq tal-ilmenti, il-mekkaniżmi ta' aċċess għas-soluzzjoni ta' tilwim u għar-rimedju legali, kif ukoll dwar id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-ħaddiema, b'mod partikolari t-trade unions, tal-ispettorati tax-xogħol nazzjonali, tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u ta' assistenza legali oħra disponibbli skont il-liġi nazzjonali;**

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) **jirċievi u jżomm il-permess u d-dokumenti tal-identità tagħhom f'format ta' karta u jkunu jistgħu jaċċessaw il-permess f'format elettroniku, filwaqt li jipprevjenu wkoll li dawn id-dokumenti jinżammu biss mill-impjegatur;**

Emenda

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(db) **ikun infurmat dwar il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-permess kif**

Emenda

meħtieġ mil-liġi nazzjonali, inkluża kwalunkwe verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fejn teżisti, u d-drittijiet u l-proċeduri relatati mal-bidla tal-impjegatur skont il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 11;

Emenda 49

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) ikun infurmat dwar id-drittijiet tas-sigurtà soċjali miksuba u l-portabilità tagħhom, l-assistenza dwar l-informazzjoni u l-appoġġ disponibbli fiċ-ċaqliq mill-Istati Membri li jkunu ħarġu l-permess f'konformità mal-Artikolu 12;

Emenda 50

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Fil-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom ***jippermettu li detentur ta' permess uniku jiġi impjegat minn impjegatur differenti mill-ewwel impjegatur li miegħu d-detentur tal-permess ikun ikkonkluda kuntratt ta' impjieg.***

2. Fil-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom:

Emenda 51

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) jippermettu detentur ta' permess uniku jfittex impjieg u jikkonkludi

kuntratt ta' impjeg ma' impjegatur differenti mill-ewwel impjegatur li miegħu d-detentur tal-permess ikkonkluda kuntratt ta' impjeg;

Emenda 52

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jeħtieġu li kwalunkwe bidla tal-impjegatur tiġi kkomunikata, qabel l-ewwel ġurnata tax-xogħol, mill-impjegatur il-ġdid lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat, billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar mill-inqas l-isem u l-indirizz tal-impjegatur, il-post tax-xogħol abitwali, it-tip ta' xogħol, is-siġhat tax-xogħol, u r-rimunerazzjoni, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali. Kwalunkwe komunikazzjoni mhux korretta ta' tali informazzjoni mill-impjegatur il-ġdid m'għandhiex taffettwa d-drittijiet taċ-ċittadin ta' pajjiż terz kif stabbilit f'dan l-Artikolu;

Emenda 53

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jibgħatu konferma tar-riċevuta lill-impjegatur il-ġdid u liċ-ċittadin ta' pajjiż terz mal-wasla tal-kuntratt ta' impjeg.

Emenda 54

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu:

Fil-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu ***jeħtieġu li bidla tal-impjegatur tkun soġġetta għal verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fejn tali verifiki jeżistu, biss fil-każ ta' bidla fis-settur tal-impjeg.***

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ***jesiġu li bidla ta' min iħaddem tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat, skont il-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali,***

imħassar

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) ***jeħtieġu li bidla ta' min iħaddem tkun soġġetta għal verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol.***

imħassar

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-dritt tad-detentur ta' permess uniku li jsegwi tali bidla tal-impjegatur jista' jiġi sospiż għal massimu ta' 30 jum filwaqt li l-Istat Membru kkonċernat jivverifika ***s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol u***

Id-dritt tad-detentur ta' permess uniku li jsegwi tali bidla tal-impjegatur jista' jiġi sospiż għal massimu ta' 30 jum filwaqt li l-Istat Membru kkonċernat jivverifika li r-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew

jivverifika li r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali huma ssodisfati. L-Istat Membru kkonċernat jista' jopponi l-bidla fl-impjeg matul dawk it-30 jum.

dik nazzjonali huma ssodisfati, **inkluż kwalunkwe verifika kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-Istat Membru għandu jeħtieġ li t-termini tal-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu f'konformità mal-liġi u mal-prattika nazzjonali, inklużi l-ftehimiet kollettivi.** L-Istat Membru kkonċernat jista' jopponi l-bidla fl-impjeg matul dawk it-30 jum, **b'mod partikolari jekk l-Istat Membru jqis li hemm riskju ta' sfruttament tal-ħaddiema. Meta jkun qed ifittex bidla tal-impjegatur, id-detentur tal-permess uniku għandu jkun eliġibbli biex ikompli jaħdem għall-impjegatur attwali jew biex jidħol f'perjodu ta' qgħad. Id-detentur tal-permess uniku għandu jiġi informat dwar l-istatus tal-verifiki b'mod regolari matul il-proċess, u dwar l-eżitu tagħhom.**

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fil-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 1, il-permess uniku ma għandux jiġi rtirat matul perjodu ta' mill-inqas ***tliet*** xhur fil-każ ta' qgħad tad-detentur ***tiegħu***. L-Istati Membri għandhom jippermettu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' fit-territorju tagħhom sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu hađu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (b), kif rilevanti, anki jekk dak il-perijodu ta' mill-inqas ***tliet*** xhur ikun skada.

Emenda

4. Fil-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 1, il-permess uniku ma għandux jiġi rtirat matul perjodu ta' mill-inqas ***disa'*** xhur fil-każ ta' qgħad tad-detentur ***tal-permess uniku***. L-Istati Membri għandhom jippermettu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' fit-territorju tagħhom sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu hađu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (b), kif rilevanti, anki jekk dak il-perijodu ta' mill-inqas ***disa'*** xhur ikun skada, ***sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jsib impjeg alternattiv. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw iċ-ċirkostanzi individwali ta' ċittadin ta' pajjiż terz u jistgħu jestendu dan il-perjodu fil-każ li ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx jista' jaħdem minħabba tqala, diżabilità, korriment, inċident jew mard, b'mod partikolari fejn id-diżabilità, il-***

korriment, l-inċident jew il-mard huwa relatat max-xogħol.

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi, kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) ***fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c) għandhom*** igawdu minn trattament ugwali maċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu fir-rigward ta':

Emenda

1. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi, kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) ***għandhom*** igawdu minn trattament ugwali maċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu fir-rigward ta' ***mill-inqas***:

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ***kondizzjonijiet*** tax-xogħol, inkluż ***il-ħlas*** u t-tkeċċija kif ukoll ***is-saħħa*** u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

Emenda

(a) ***it-termini tal-impjeg, il-kundizzjonijiet*** tax-xogħol ***diċenti***, inkluż ***ir-rimunerazzjoni*** u t-tkeċċija, ***is-siġhat tax-xogħol, ir-rati tas-sahra, il-liv annwali u tal-mard u l-intitolamenti, il-liv relatat mal-kura u mal-vaganzi, it-taħriġ, l-indennizzi jew ir-rimborż tan-nefqa biex ikopru l-ispejjeż tal-vjaġġ, tal-ikel u tal-alloġġ, filwaqt li jiġi żgurat li t-tnaqqis mir-rimunerazzjoni, fejn jeżisti, huwa mingħajr diskriminazzjoni, leġittimu u proporzjonali, kif ukoll l-ugwaljanza fit-trattament bejn in-nisa u l-irġiel, u s-saħħa*** u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, ***f'konformità mad-Direttiva 89/391 KEE tal-Kunsill^{1a}, u mad-Direttivi 2008/104/KE^{1b}, (UE) 2019/1152^{1c} u 2022/2041^{1d} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali għandu japplika, skont l-Artikolu 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;***

^{1a} Id-Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

^{1b} Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

^{1c} Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

^{1d} Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

Emenda 61

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) hłasijiet b'lura li jridu jsiru mill-impjegatur, rigward kwalunkwe rimunerazzjoni pendenti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, f'konformità mad-Direttiva 2009/52/KE, kif ukoll ir-riżoluzzjoni rapida tal-pretensjonijiet pendenti taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirriżultaw minn kuntratt ta' impjieg jew minn relazzjoni ta' impjieg fil-każ tal-insolvenza tal-impjegatur, f'konformità mad-Direttiva 2008/94/KE;

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħaddiema jew lil min iħaddem jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu jwettqu xi xogħol speċifiku, inklużi l-benefiċċji konferiti minn tali organizzazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-politika pubblika u s-sigurtà pubblika;

Emenda

(b) libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta l-ħaddiema jew lil min iħaddem jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu jwettqu xi xogħol speċifiku, inklużi l-benefiċċji konferiti minn tali organizzazzjonijiet, **inkluż id-dritt tan-negożjar u tal-konklużjoni tal-ftehimiet kollettivi f'konformità mad-dritt ta' assoċjazzjoni, organizzazzjoni, negożjar kollettiv kif previst mill-Konvenzjonijiet tal-ILO Nri 87 u 98, id-dritt ta' strajk u li jittieħdu azzjonijiet industrijali**, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-politika pubblika u s-sigurtà pubblika;

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) edukazzjoni u t-taħriġ;

Emenda

(c) edukazzjoni u t-taħriġ, **inkluż it-taħriġ vokazzjonali u okkupazzjonali**;

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra f'konformità mal-proċeduri nazzjonali rilevanti;

Emenda

(d) rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali **u okkupazzjonali** oħra f'konformità mal-proċeduri nazzjonali rilevanti;

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) *fergħat* tas-sigurtà soċjali, kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004;

Emenda

(e) aċċess *għall-fergħat* tas-sigurtà soċjali, kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004;

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) aċċess għal merkanzija u servizzi u l-provvista ta' merkanzija u servizzi disponibbli għall-pubbliku inklużi l-proċeduri għall-kisba ta' aċċess għal akkommodazzjoni pubblika u privata kif previst mil-liġi nazzjonali, mingħajr preġudizzju għal-libertà ta' kuntratt f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali;

Emenda

(g) aċċess għal merkanzija u servizzi, ***b'mod partikolari servizzi pubbliċi***, u l-provvista ta' merkanzija u servizzi disponibbli għall-pubbliku inklużi l-proċeduri għall-kisba ta' aċċess għal akkommodazzjoni pubblika u privata kif previst mil-liġi nazzjonali, ***filwaqt li jiġi żgurat standard tal-għajxien deċenti, kif ukoll il-libertà tal-għażla tal-akkomodazzjoni mingħajr l-obbligu li jirrisjedi f'akkomodazzjoni pprovduta mill-impjegatur***, mingħajr preġudizzju għal-libertà ta' kuntratt f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, ***it-tnaqqis għall-ivvjaġġar, għall-ikel u għall-alloġġ mir-rimunerazzjoni, fejn jeżisti, u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-kuntratti tal-kiri li jilħqu l-istandards u r-regolamenti dwar il-kiri privat skont il-liġi nazzjonali, inklużi l-ammonti tal-kiri***;

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) is-servizzi ta' *parir offruti* minn uffiċċji tal-impjeg.

(h) is-servizzi ta' *informazzjoni, appoġġ u konsulenza personalizzata pprovduti* minn uffiċċji tal-impjeg.

Emenda 68

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *billi jillimitaw id-drittijiet konferriti fuq ħaddiema ta' pajjiżi terzi taħt il-punt (e) tal-paragrafu 1 il-punt (e), iżda ma jillimitawx tali drittijiet mogħtija lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjeg jew li jkunu f'impjeg għal mhux anqas minn sitt xhur u li jkunu reġistrati bħala qiegħda.*

imħassar

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-punt (e) tal-paragrafu 1, il-punt (e), rigward il-benefiċċji għall-familja ma għandux japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu awtorizzati jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru għal perijodu ta' żmien li ma jeċċedix is-sitt xhur, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi għall-fini ta' studju

Emenda 69

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) *skont il-paragrafu 1, il-punt (g), billi:*

imħassar

(i) *tillimta l-applikazzjoni lil dawk il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkunu f'impjeg;*

(ii) *tirristrinġi l-aċċess għall-akkomodazzjoni pubblika;*

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jinformaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar kwalunkwe restrizzjonijiet applikabbli meta joħorġu l-permess uniku.

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. ***Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi*** li jmorru joqogħdu f'pajjiżi terzi, jew is-superstiti tagħhom li jkunu jirresjedu f'pajjiżi terzi u li jkollhom drittijiet derivanti minn dawk il-ħaddiema, għandhom jirċievu, fir-rigward ta' xjuħija, invalidità u mewt, il-pensjonijiet statutorji bbażati fuq l-impjeg preċedenti ta' dawk il-ħaddiema u miksuba f'konformità ***mal-leġislazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, bl-istess ***kondizzjonijiet*** u b'dawk l-istess rati bħal taċ-ċittadini tal-Istati Membri kkonċernati meta jmorru joqogħdu f'pajjiżi terzi.

4. ***Id-detenturi preċedenti tal-permess uniku*** li jmorru joqogħdu f'pajjiżi terzi, jew is-superstiti tagħhom li jkunu jirresjedu f'pajjiżi terzi u li jkollhom drittijiet derivanti minn dawk il-ħaddiema, għandhom jirċievu, fir-rigward ta' xjuħija, invalidità u mewt, il-pensjonijiet statutorji bbażati fuq l-impjeg preċedenti ta' dawk il-ħaddiema u miksuba f'konformità ***mal-leġiżlazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, bl-istess ***kundizzjonijiet*** u b'dawk l-istess rati bħal taċ-ċittadini tal-Istati Membri kkonċernati meta jmorru joqogħdu f'pajjiżi terzi. ***Kwalunkwe diffikultà għad-detenturi preċedenti tal-permess uniku biex jirċievu l-intitolament tal-pensjoni tagħhom għandha tiġi indirizzata mill-Istat Membru b'mod f'waqtu u effettiv.***

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal miżuri għall-prevenzjoni ta' ksur possibbli minn min iħaddem tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 12. Il-miżuri preventivi għandhom jinkludu l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u, *fejn xieraq*, l-ispezzjonijiet skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom, ***bl-involvement tal-imsieħba soċjali***, jipprovdu għal miżuri għall-prevenzjoni ta' ksur possibbli minn min iħaddem tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 12. Il-miżuri preventivi għandhom jinkludu l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-ispezzjonijiet, ***abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, sabiex jiġu identifikati b'mod regolari s-setturi ta' attività li fihom jiġi kkonċentrat l-impjeg tal-ħaddiema ta' pajjiżi terzi***, skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva.

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur minn min iħaddem tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 12. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur minn min iħaddem tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 12. ***Barra mir-regolarizzazzjoni tas-salarji u tal-paga għall-ħaddiema, tas-sigurtà soċjali u tat-taxxi, tali penali jistgħu jinkludu, fost oħrajn, ir-reġistrazzjoni pubblika tal-ksur imwettaq mill-impjegaturi, penali amministrattivi u finanzjarji, bħal multi jew il-ħlas tal-paga, u s-sospensjoni tal-eliġibilità tal-impjegaturi għall-proċedura ta' applikazzjoni unika għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-eżenzjoni tal-impjegaturi mill-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Jekk ksur mill-impjegatur jirriżulta fi trattament negattiv, inkluż it-tmiem tal-kuntratt ta' impjeg jew tar-relazzjoni ta' impjeg maċ-ċittadin ta' pajjiżi terzi, dan tal-aħħar għandu jkun eliġibbli li jsib***

impjieg ġdid skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

Emenda 74

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi inkarigati mill-ispezzjoni tax-xogħol jew awtoritajiet kompetenti oħra u, fejn previst skont il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' ħaddiema nazzjonali, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ***tal-ħaddiema jkollhom*** aċċess għall-post tax-xogħol.

Emenda

3. ***L-Istati Membri għandhom, f'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali, u f'konformità mal-Konvenzjoni Nru 81 tal-ILO, jiżguraw kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post f'waqthom, effettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji mwettqa mill-ispettorati tax-xogħol, inklużi żjarat ta' rutina u mhux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar biex jimmiraw u jsegwu b'mod proattiv lill-impjegaturi li mhumiex konformi.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi inkarigati mill-ispezzjoni tax-xogħol jew awtoritajiet kompetenti oħra ***jkollhom biżżejjed riżorsi*** u, fejn previst skont il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw ***il-ħaddiema, b'mod partikolari t-trade unions, ikollhom*** aċċess għall-post tax-xogħol ***u, bil-qbil tal-ħaddiema, għall-akkomodazzjoni tagħhom.***

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 3 a (ġdid)

3a. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni statistika dwar in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess uniku u dwar dawk li l-applikazzjoni tagħhom tkun għet irrifjutata jew tqieset inammissibbli, kif ukoll dwar in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, li l-permess uniku tagħhom ikun għe mġedded jew irtirat, matul is-sena kalendarja preċedenti. Dik l-istatistika għandha tiġi maqsuma skont iċ-ċittadinanza, it-tul tal-validità tal-permessi, il-ġeneru u l-età u, fejn disponibbli, skont l-okkupazzjoni, id-daqs tal-impriża tal-impjegatur u s-settur ekonomiku. L-istatistika dwar il-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi għandha tiġi kkomunikata bl-istess mod, ħlief fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-impjeg tagħhom u s-settur ekonomiku.

Emenda

76

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom ħaddiema minn pajjiżi terzi jistgħu jressqu lmenti kontra min iħaddimhom:

1. L-Istati Membri għandhom, **f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**, jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi **f'waqthom u** effettivi li permezz tagħhom ħaddiema minn pajjiżi terzi jistgħu jressqu lmenti kontra min iħaddimhom:

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) direttament; **jew**

(a) direttament;

Emenda 78

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) permezz ta' partijiet terzi li għandhom, skont il-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva; **jew**

(b) ***bil-kunsens tal-ħaddiem ta' pajjiż*** ***terz***, permezz ta' partijiet terzi li għandhom, skont il-kriterji stabbiliti mil-liġi, ***mill-prattika u mill-ftehimiet kollettivi*** nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva; **u**

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet terzi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jistgħu jinvolvu ruħhom jew f'isem ħaddiem ta' pajjiż terz jew b'appoġġ għalih, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva ***mmirata lejn l-infurzar*** tal-konformità ma' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, ***f'konformità mal-liġi, mal-prattika u mal-ftehimiet kollettivi nazzjonali***, li l-partijiet terzi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jistgħu jinvolvu ruħhom jew f'isem ħaddiem ta' pajjiż terz jew b'appoġġ għalih, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva ***għall-infurzar*** tal-konformità ma' din id-Direttiva.

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jkollhom l-istess aċċess bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu fir-rigward ta':

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi, ***inklużi dawk li r-relazzjoni ta' impjeg tagħhom intemmet***, jkollhom l-istess aċċess bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu fir-rigward ta':

Emenda 81

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri li jipproteġu kontra tkeċċija ***jew*** trattament ħażin ***ieħor minn*** min iħaddem ***bħala reazzjoni għal ilment fi ħdan l-impriża; jew*** ta'

Emenda

(a) miżuri li jipproteġu kontra tkeċċija ***u li jipproteġu kemm il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi kif ukoll ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, inklużi dawk li huma membri jew rappreżentanti tat-trade unions, minn kwalunkwe*** trattament ħażin ***u minn kwalunkwe konsegwenzi ħżiena li jirriżultaw minn ilment ma'*** min iħaddem ***jew li jirriżultaw minn kwalunkwe proċeduri mibdija bil-għan li tiġi infurzata l-konformità fil-każ tal-ksur tad-drittijiet ipprovduti f'din id-Direttiva; u ta'***

Emenda 82

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva ***mmirata lejn l-infurzar*** tal-konformità ma' din id-Direttiva.

Emenda

(b) ***soluzzjoni ta' tilwim effettiva, f'waqtha u imparzjali, dritt ta' rimedju, u*** kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva ***għall-infurzar*** tal-konformità ma' din id-Direttiva.

Emenda

83

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu fil-liġi nazzjonali r-regoli li taħtom jagħtu, fuq bażi ta' każ b'każ, estensjoni tal-validità tal-permess lid-detenturi tal-permess uniku li esperjenzaw ksur tad-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva.

Fejn l-impjegatur ikun sottokuntrattur, jew fejn aġenzija ta' rekrutazzjoni f'isem il-kuntrattur ewlieni, li kiser din id-Direttiva u fejn il-kuntrattur ewlieni u kwalunkwe sottokuntrattur intermedju ma wettaqx l-obbligi tad-diliġenza dovuta kif definiti mil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrattur ewlieni u kwalunkwe sottokuntrattur intermedju jkunu, minbarra jew minflok l-impjegatur, responsabbli li jħallsu kwalunkwe ħlasijiet b'lura u pagi dovuti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-liġi nazzjonali u jkunu soġġetti għal penali, f'konformità ma' din id-Direttiva.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu regoli ta' responsabilità aktar stretti skont il-liġi nazzjonali.

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/679 meta jimplimentaw din id-Direttiva.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni)	
Referenzi	COM(2022)0655 – C9-0163/2022 – 2022/0131(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 22.6.2022	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 22.6.2022	
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	20.10.2022	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Agnes Jongerius 28.9.2022	
Eżami fil-kumitat	8.11.2022	30.11.2022
Data tal-adozzjoni	24.1.2023	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 7 0: 10	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, David Casa, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Özlem Demirel, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Rosa Estaràs Ferragut, Helmut Geuking, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Irena Joveva, Radan Kanev, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Sara Matthieu, Max Orville, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Romana Tomc, Marianne Vind	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Konstantinos Arvanitis, Robert Biedroń, Krzysztof Hetman, Livia Járóka, Peter Lundgren	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Deirdre Clune, Jens Geier, Robert Hajšel, Mircea-Gheorghe Hava	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

27	+
NI	Daniela Rondinelli
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Abir Al-Sahlani, Lucia Āuriš Nicholsonová, Irena Joveva, Max Orville, Dragoş Pîslaru, Monica Semedo
S&D	João Albuquerque, Robert Biedroń, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Jens Geier, Robert Hajšel, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Marianne Vind
The Left	Konstantinos Arvanitis, Leila Chaibi, Özlem Demirel
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri

7	-
ECR	Peter Lundgren, Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska
ID	Dominique Bilde, Elena Lizzi, Guido Reil
NI	Livia Járóka

10	0
PPE	David Casa, Deirdre Clune, Rosa Estaràs Ferragut, Helmut Geuking, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Radan Kanev, Miriam Lexmann, Dennis Radtke, Romana Tomc

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni